**Ruling *ex officio* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 141 tat-8 ta' Ottubru 2018 dwar talba li s-Sedja rċeviet mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2018, sabiex jiġu rtirati tliet abbozzi ta' liġijiet**

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2018, is-Sedja rċeviet notifika permezz ta' ittra bid-data ta' dakinhar mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol *tramite* l-Iskrivan tal-Kamra. L-ittra tgħid hekk:

> "Onor. Dr Anġlu Farrugia,
> President tal-Kamra tad-Deputati,
> 5 ta' Ottubru 2018.
>
> Dwar: Abbozzi ta' Liġi Nru 53, 54 u 55 dwar l-Edukazzjoni.
> Qed niktiblek biex ngħarrfek formalment li l-Gvern qiegħed jirtira l-Abbozz ta' Liġi fuq imsemmija b'effett immedjat.
>
> Inselli għalik,
>
> Evarist Bartolo,
> Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol."

Is-Sedja tixtieq minnufih tirrileva li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra huma siekta fir-rigward ta' irtirar ta' abbozzi ta' liġijiet. Jidher li l-istess Ordnijiet jagħmlu biss referenza għall-irtirar ta' mozzjonijiet jew emendi u dan kif stipulat fl-Ordnijiet Permanenti 39 u 40:

> "**39.** Membru li jkun għamel emenda jew mozzjoni jista' jirtirahom bil-permess tal-Kamra li jiġi deċiż mingħajr emenda jew diskussjoni. Meta tiġi proposta emenda għal mozzjoni, il-mozzjoni oriġinali ma tistax tiġi rtirata qabel ma tiġi trattata l-emenda; u
>
> **40.** Mozzjoni li tkun ġiet irtirata bil-permess tal-Kamra jew li għandha titqies bħala rtirata skont l-ordni permanenti 34 (2) tista' terġa' titressaq matul l-istess sessjoni wara li jingħata avviż."

Is-Sedja hija għalhekk tal-fehma li t-talba inkwistjoni ma tinkwadrax taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Ordnijiet ċitati. Dan anke għaliex fil-preżent, għalkemm jidhru fuq l-Aġenda tal-Parlament bħala items 5, 6 u 7, il-mozzjoni biex il-Kamra tgħaddi għad-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari għadha ma tresqitx fir-rigward tal-ebda wieħed mill-Abbozzi ta' Liġijiet li dwarhom qed issir din it-talba. Qed nirreferi għall-:

- Abbozz Nru 53 - Abbozz ta' Liġi dwar il-Professjonijiet tat-Tagħlim u l-professjonijiet alleati
- Abbozz Nru 54 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Edukazzjoni
- Abbozz Nru 55 – Abbozz ta' Liġi li jirregola l-Edukazzjoni

Fin-nuqqas ta' regolamentazzjoni fir-rigward, is-Sedja qiegħda tirrikorri għall-proċedura applikata fil-Parlament Ingliż u dan skont dak li jgħid l-Ordni Permanenti 197:

> “**197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b’dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti sa fejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b’konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni.”

Is-Sedja għalhekk se tikkwota minn paġni 546 u 547 tal-Erskine May Parliamentary Practice (24 Edizzjoni) fejn taħt it-titolu “Withdrawl of bills” insibu x’jiġri każ ta’ abbozzi ta’ liġijiet li d-diskussjoni dwarhom fi stadju ta’ Tieni Qari tkun għadha ma bdietx:

> “*A Bill which stands as an order of the day may be withdrawn before the order is read by notice given to the Clerk at the Table by the Member in charge, as may a Bill which has been set down for a future day*.”

Fil-fatt is-sistema Ingliża taħseb ukoll għall-proċeduri dwar kif abbozzi ta’ liġijiet jkunu jistgħu jiġu rtirati fi kwalunkwe stadju.

Għalhekk, is-Sedja se tapplika l-proċedura msemmija hawn fuq billi tieħu nota tan-notifika riċevuta mill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol biex jiġu rtirati t-tliet abbozzi ta’ liġijiet inkwistjoni u filwaqt li tordna li dawn ma jibqgħux jidhru fuq l-Ordnijiet tal-Ġurnata titlob lill-Iskrivan tal-Kamra biex anke fis-Seduta tal-lum meta jaqra dawn l-Items, jindika li dawn ġew irtirati.

Is-Sedja qiegħda għalhekk tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra in-notifika mibgħuta mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li l-Abbozzi Nri 53, 54 u 55 ġew irtirati.

Ir-*ruling* huwa deċiż.